

Brussell, 6 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7112/26

JEUN 38
SOC 140
POLGEN 58
EDUC 76
EMPL 57
GENDER 20
AG 43
ENV 205
ECOFIN 300
COMPET 291
FREMP 92

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Marzu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 110 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Strateġija dwar l-Ekwità Interġenerazzjonali

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 110 final.

Mehmuż: COM(2026) 110 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.3.2026
COM(2026) 110 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Strateġija dwar l-Ekwità Interġenerazzjonali

{SWD(2026) 80 final}

1. Introduzzjoni

L-istrateġija dwar l-ekwità interġenerazzjonali tesprimi l-ambizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tiżgura li l-għażliet tal-lum jikkontribwixxu b'mod pożittiv anki għall-opportunitajiet ta' għada, u li kemm il-benefiċċji kif ukoll ir-responsabbiltajiet jinqasmu b'mod ġust bejn il-gruppi ta' età. Għandha l-għan li tippromwovi approċċi strateġiċi li jikkombinaw il-prosperità ekonomika u l-benesseri, ir-responsabbiltà ambjentali, il-koeżjoni soċjali u territorjali, is-sostenibbiltà fiskali, u l-parteċipazzjoni demokratika. Għan ieħor tagħha huwa li tamplifika l-ilħna taż-żgħażaġh bħala l-futur tal-UE u tiggarantixxi s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet.

Globalment, l-UE laħqet wieħed mill-aktar livelli avvanzati ta' opportunitajiet indaqs, li hu sostnut minn ekonomija tas-suq kompetittiva, mudelli soċjali b'saħħithom, u servizzi pubbliċi inklużivi. F'dinja kkaratterizzata minn instabbiltà li qed tikber u bidla globali li qed taċċellera, fejn ix-xejriet demografiċi, teknoloġiċi, ekonomiċi, u ambjentali fit-tul qed isawru mill-ġdid il-mod kif jinħolqu u jiġu kondiviżi l-opportunitajiet, huwa essenzjali li nagħtu attenzjoni mġedda għat-tema tal-ekwità interġenerazzjonali. Dan se jgħin biex jiġi żgurat li l-opportunitajiet għaż-żgħażaġh — li huma l-pedament tal-Ewropa tal-ġejjieni — ikomplu jespandu u li l-UE tkun tista' tipprowdi benessere sostenibbli u inklużiv lil niesha.

L-istrateġija hija proġett ta' fiduċja u ta' kooperazzjoni, mibni permezz ta' proċess ta' kodisinn¹ li kien jinkludi Panel taċ-Ċittadini Ewropej speċifiku dwar l-Ekwità Intergenerazzjonali². Tirrifletti l-ideat u r-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini, tal-partijiet ikkonċernati, u tal-komunitajiet madwar l-Ewropa. Nies ta' kull età, minn kuntasti u reġjuni differenti, ikkollaboraw fl-esplorazzjoni ta' kif l-UE jkollha dak kollu li teħtieġ biex taffronta aħjar l-isfidi dejjem jikbru u interkonnessi hekk kif naħdmu għal futur aħjar.

Fis-Summit tan-NU dwar il-Futur, li sar l-2024, l-UE u l-Istati Membri tagħha approvaw il-Patt għall-Futur u d-Dikjarazzjoni dwar il-Ġenerazzjonijiet Futuri³. Aktar minn terz tal-Istati Membri tal-UE jsemmu l-ġenerazzjonijiet futuri fil-Kostituzzjonijiet tagħhom u/jew stabbilew oqfsa istituzzjonali apposta li jenfasizzaw l-importanza li jiġu ssalvagwardjati l-opportunitajiet għall-ġenerazzjonijiet futuri. Dan huwa marbut bil-kbir mal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, li jirrappreżentaw il-pjan ta' azzjoni kondiviż globalment għall-paċi u l-prosperità għan-nies u għall-pjaneta, issa u fil-futur.

B'din l-istrateġija, il-Kummissjoni tikkontribwixxi għall-impenn qawwi tal-UE li tibni fuq dan il-momentum globali, iggwidata mill-għarfien tal-fatt li s-salvagwardja tal-paċi, tad-drittijiet tal-bniedem, u tal-pjaneta, filwaqt li ttejjeb il-benesseri tal-ġenerazzjonijiet futuri kif ukoll tavvanza s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet attwali, hija parti mill-identità, mill-valuri, u mill-interessi strateġiċi fit-tul tal-Ewropa⁴.

L-istrateġija, li hija msejsa fuq ir-responsabbiltà fit-tul, is-solidarjetà interġenerazzjonali, u l-ekwità territorjali, tfittex li tikkontribwixxi biex terġa' tinkiseb il-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi, li ssawwar futur sostenibbli u ekwu, u li tiżgura li l-progress tal-lum isaħħaħ il-pedamenti għal għada.

¹ [Supporting materials for the design of the Strategy](#)

² [Il-panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar l-Ekwità Interġenerazzjonali](#)

³ [Declaration on Future Generations — in-NU](#)

⁴ It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jipprevedi, fl-Artikolu 3(3), li l-Unjoni għandha tippromwovi s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet, u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tenfasizza li t-tgawdija tad-drittijiet fundamentali tinvolvi responsabbiltà fir-rigward tal-ġenerazzjonijiet futuri. Fost inizzjattivi oħrajn, eżempji ewlenin bħas-Sena Ewropea għat-Tixji Attiv (2012) u s-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ (2022) jixhdu l-enfasi tal-Unjoni fuq il-koeżjoni interġenerazzjonali. Il-Komunikazzjoni tal-2023 dwar it-Tibdil Demografiku tpoġġi l-ekwità bejn il-ġenerazzjonijiet fil-qalba tal-politika, u r-Rapport ta' Prospettiva Strateġika tal-2025 isemmiha bħala waħda minn tmien prioritajiet ewlenin.

2. L-orizzont tal-opportunitajiet qed jinbidel

Megatendenzi li għandhom impatt fuq il-bilanċ interġenerazzjonali:

Iż-żgħażaġh Ewropej qed isiru adulti fi żmien ta' trasformazzjoni mgħaġġla, filwaqt li qed jiffaċċjaw sfidi fundamentali. It-tibdil demografiku u l-migrazzjoni, it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u ambjent ġeopolitiku li qed jinbidel qed jiddefinixxu mill-ġdid kif l-opportunitajiet, inkluż fl-oqsma tal-edukazzjoni, tal-impjiegi, u tal-akkomodazzjoni, jinħolqu u jiġu kondiviżi bejn il-ġenerazzjonijiet⁵. Dawn il-bidliet jaffettwaw lin-nies fl-istadji kollha tal-ħajja u jgħolqu orizzont kondiviż ta' responsabbiltà li joffri opportunità b'saħħitha biex jiġġedded il-mudell soċjali, ekonomiku, u demokratiku tal-UE b'modi li jkunu ta' benefiċċju kemm għall-ġenerazzjonijiet preżenti kif ukoll għal dawk futuri⁶.

Minn perspettiva interġenerazzjonali, il-kwistjoni ewlenija mhijiex il-bidla fiha nnifisha, iżda jekk l-għażliet li nagħmlu llum itejbux il-possibbiltajiet li n-nies imorru tajjeb fil-ħajja, u jekk iżidux jew jillimitawx l-opportunitajiet għall-ġenerazzjonijiet futuri. Ħajjiet itwal, il-progress teknoloġiku, u t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u sostenibbli fl-użu tar-riżorsi jistgħu jsaħħu l-prospertà u l-benesseri tul il-ħajja. Biex naslu għal dan neħtieġu viżjoni fit-tul minquxa fil-liġi, investiment upstream, appoġġ għall-parteċipazzjoni attiva matul il-ħajja tax-xogħol, u ekwità sostnuta bejn il-ġenerazzjonijiet.

It-tranżizzjoni demografika qed issawwar mill-ġdid is-soċjetajiet b'implikazzjonijiet għall-aċċess tal-ġenerazzjonijiet żgħażaġh għall-akkomodazzjoni, għax-xogħol u għall-introjt, kif ukoll għas-servizzi ta' assistenza fit-tul u għas-servizzi tas-saħħa. Fl-istess ħin, it-tixjiħ attiv, it-trasferiment tal-għarfien interġenerazzjonali, u l-parteċipazzjoni ekonomika u soċjali estiża, jistgħu jkunu ta' sostenn għal ħajja itwal u aktar sana. Bl-investiment fit-tagħlim tul il-ħajja, fix-xogħol flessibbli, u fil-komunitajiet adatti għall-anzjani, it-tibdil demografiku jista' jsir opportunità għall-ġenerazzjonijiet kollha.

Il-klima u n-natura huma eżempju ċar ieħor. Meta nieħdu azzjoni deċiżiva dwar il-protezzjoni tal-klima u tal-ambjent nevitaw kostijiet ferm akbar għall-ġenerazzjonijiet iżgħar u futuri u nkunu qed ninvestu fis-saħħa, fis-sigurtà u fil-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-ġenerazzjonijiet iżgħar u futuri, filwaqt li fl-istess ħin nagħtu benefiċċji tanġibbli lin-nies ta' kull età permezz ta' ambjenti aktar nodfa, saħħa pubblika mtejbja, sigurtà tal-enerġija, u komunitajiet aktar reżiljenti. B'kuntrast ma' dan, in-nuqqas ta' azzjoni jkollu impatt sinifikanti fuq il-prospertà tal-ġenerazzjonijiet futuri. Meta tiġi ġestita b'mod inklużiv, it-tranżizzjoni ekoloġika tikkontribwixxi għal impjiegi ta' kwalità, kundizzjonijiet tal-għajxien aħjar, u affordabbiltà, u ssaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-enerġija tal-UE.

Id-diġitalizzazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali, u t-teknoloġija bbażata fl-ispazju qed isawru mill-ġdid l-edukazzjoni, ix-xogħol, l-istili tal-ħajja, u l-parteċipazzjoni demokratika tul il-ħajja. Filwaqt li dawn it-tranżizzjonijiet jitolbu adattament, iwessgħu wkoll l-opportunitajiet. It-tagħlim tul il-ħajja, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, u l-innovazzjoni ċċentrata fuq il-bniedem jistgħu jiżguraw li l-progress teknoloġiku jkun ta' benefiċċju għall-ġenerazzjonijiet kollha u jippermettu li ż-żgħażaġh jirnexxu f'suq tax-xogħol li qed jinbidel, u jappoġġaw il-parteċipazzjoni u l-awtonomija matul ħajja itwal. Il-mod kif tinbidel in-natura tax-xogħol qed isawwar mill-ġdid l-impjiegi, il-mudelli tal-

⁵ Il-Kummissjoni Ewropea identifikat u qed timmonitorja 14-il megatendenza, li huma kruċjali għall-futur tal-UE, permezz [tal-Hub tal-Megatendenzi](#) tagħha.

⁶ [Id-Dokument ta' Prospettiva tal-ESPA dwar l-Ekwità Interġenerazzjonali, li ħareġ fl-2025](#), joffri ħarsa ġenerali ċara lejn l-isfidi u l-opportunitajiet tal-megatendenzi li jikkonċernaw l-Ekwità Interġenerazzjonali.

karriera, u l-istrutturi organizzattivi, u potenzjalment jaggrava l-inugwaljanzi jekk ma jiġix ġestit kif suppost, u dan jesponi liż-żgħażaġh għal karrieri inqas lineari u aktar inċerti.

Fil-kuntest ta' dawn il-bidliet, l-għażliet li jsiru llum dwar l-investiment, il-finanzi pubbliċi, is-sistemi fiskali, u r-regolamentazzjoni, li jaffettwaw l-akkomodazzjoni, l-edukazzjoni, is-saħħa, is-servizzi ta' assistenza għat-tfal u fit-tul, ix-xogħol u d-distribuzzjoni tal-ġid, se jiddeterminaw jekk il-ġenerazzjonijiet futuri jirtux restrizzjonijiet dejjem akbar jew kapaċità akbar li jaġixxu⁷.

Għalhekk, approċċ interġenerazzjonali jitlob determinazzjoni msejsa fuq responsabbiltà kondiviża u solidarjetà sabiex il-ġenerazzjonijiet kollha, l-ewwel u qabel kollha iż-żgħażaġh, ma jkunux sempliċement ippreparati għall-futur iżda jkun f'qagħda li jsawruh, sostnuti mill-esperjenza, il-kontribut, u s-solidarjetà tal-ġenerazzjonijiet kollha.

L-opportunitajiet u r-riskji jinbidlu meta n-nies jgħaddu minn stadji differenti tal-ħajja u, b'riżultat ta' dan, qed jitfaċċaw lakuni importanti bejn il-ġenerazzjonijiet fl-aċċess għall-edukazzjoni, għal ambjent sikur, għal xogħol stabbli, għall-akkomodazzjoni, għas-servizzi ta' assistenza, għall-ġid, u għas-sigurtà fit-tul. Dan jitlob approċċ unifikanti li jlaqqa' flimkien il-ġenerazzjonijiet madwar għanijiet kondiviżi għall-futur.

It-tfal u ż-żgħażaġh illum għandhom aċċess għal opportunitajiet dejjem akbar biex jitgħallmu, jivvjaġġaw, jivvolontarjaw, u jsemmgħu lehinhom⁸. Dawn huma l-aktar ġenerazzjoni edukata u diġitalment kompetenti li qatt kellna, u jinsabu fuq quddiem nett tal-innovazzjoni teknoloġika⁹, bi stennija tal-għomor ta' 81.7 snin, skont stima tal-2024. Madankollu, iż-żgħażaġh illum huma wkoll aktar esposti għal tfixkil fis-suq tax-xogħol u għal forom ġodda ta' nuqqas ta' sigurtà marbuta ma' bidla teknoloġika rapida u mal-espansjoni ta' forom ta' xogħol mhux standard. Minkejja l-livell għoli ġenerali tal-edukazzjoni li għandhom, ħafna minnhom isegwu perkorsi edukattivi li mhux dejjem jallinjaw mal-ħtiġijiet tal-ħiliet li qed jevolvu u mas-setturi emerġenti. Ħafna minnhom huma esposti għal tnaqqis qawwi fil-ħiliet bażiċi. Dan jista' jikkomplica t-tranżizzjonijiet mill-edukazzjoni għal impjieg stabbli, u jikkontribwixxi għal trajettorji bikrija tal-karriera frammentati u riskju akbar ta' instabbiltà fl-impjieg. Dawn il-pressjonijiet ekonomiċi jikkoinċidu ma' sfidi soċjali u psikoloġiċi usa', inklużi livelli għoljin ta' stress, ansjetà, u solitudni fost iż-żgħażaġh, li jirriflettu l-inċertezza, il-pressjoni finanzjarja, u l-intensifikazzjoni tat-tqabbil soċjali fl-ambjenti diġitali. L-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni hija wkoll sfida, li tagħmilha aktar diffiċli għaż-żgħażaġh biex isiru sidien ta' darhom u biex jitolqu mid-dar tal-ġenituri tagħhom, u b'hekk itawlu t-tranżizzjoni tagħhom lejn l-awtonomija.

Anki l-anzjani qed jiffaċċjaw orizzont ta' opportunitajiet trasformat minn ħajjiet itwal u aktar sani, kif ukoll aktar ħtiġijiet ta' assistenza fit-tul u riskji ta' faqar aktar tard fil-ħajja. Il-kapaċità tagħhom li jibqgħu attivi, siguri, u konnessi tvarja ħafna. B'mod partikulari għan-nisa, l-inugwaljanzi akkumulati matul il-ħajja jissarrfu f'riskju ogħla ta' faqar u ta' insigurtà finanzjarja. Ħafna anzjani jixtiequ jkomplu jikkontribwixxu għas-soċjetà u għas-suq tax-xogħol iżda huma mxejjnin minn diġitalizzazzjoni rapida¹⁰, li ġġib ir-riskju li daww b'ħiliet diġitali aktar baxxi jiġu esklużi¹¹. L-etażmu huwa mifruż: 52% taċ-ċittadini tal-UE jqisu l-età

⁷ Ir-rapport ta' [Prospettiva Strateġika tal-2025](#) jippreżenta tmien oqsma ewlenin fejn l-UE tista' taġixxi biex tittrasforma sfidi speċifiċi għall-Ewropa f'opportunitajiet.

⁸ Ir-Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ (2022-2024) — L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE

⁹ Skont l-Eurostat, fl-2025 mill-inqas 75% taż-żgħażaġh ta' bejn is-16 u d-29 sena kellhom almenu l-ħiliet diġitali bażiċi.

¹⁰ Ħiliet għall-era diġitali — Statistika Spjegata — Eurostat

¹¹ Il-ħiliet diġitali fl-2023: l-impatt tal-edukazzjoni u tal-età

bħala l-akbar żvantaġġ għal min japplika għal impjieg, u l-ħaddiema anzjani spiss jitqiesu bħala inqas adattabbli u inqas kompetenti digitalment¹². In-nuqqas ta' servizzi u infrastrutturi bażiċi, inkluż il-broadband, għandu impatt speċjalment fuq xi territorji rurali b'età medja ogħla.

Is-sigurtà ekonomika f'età avvanzata tiddependi wkoll fuq l-adekwatezza u s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet, li għandhom rwol ċentrali fit-tiswir tal-ekwità interġenerazzjonali billi jibbilanċjaw is-sigurtà tal-introjt għall-anzjani mar-reżiljenza fit-tul tal-finanzi pubbliċi. Id-distakki territorjali fis-servizzi tas-saħħa, is-servizzi ta' assistenza fit-tul, l-aċċess għal faċilitajiet għal attivitajiet fiżiċi regolari, u l-mobbiltà, ikomplu jaffettwaw l-indipendenza, is-sentiment ta' solitudni, l-eżiti tas-saħħa, u l-kwalità tal-ħajja fix-xjuħija¹³. L-anzjani tal-futur se jgħixu aktar fit-tul, u dan jitlob servizzi bbażati fid-dar u aġġustamenti biex jibqgħu jgħixu fi djarhom. Irrispettivament mill-età, l-attività fiżika tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-benesseri ġenerali u tal-funzjonijiet konjittivi.

Il-ġeneru jibqa' fattur ewlieni fir-rigward tal-inugwaljanza tal-opportunitajiet u tad-diskriminazzjoni. Fl-2023, fl-UE, in-nisa qalgħu bejn wiehded u ieħor 12% inqas fis-siegħa mill-irġiel, u fl-2024 ir-rata ta' impjieg tagħhom kienet 70.8% meta mqabbla ma' **80.8% fost l-irġiel**¹⁴. In-nisa jgħorru fuqhom ukoll il-piż primarju tar-responsabbiltà tal-assistenza. Ħafna jiffaċċjaw diskriminazzjoni u fastidju sesswali, b'madwar wiehded minn kull tlieta jesperjenzaw vjolenza fiżika jew sesswali, inkluż fil-post tax-xogħol. Maż-żmien, dawn l-inugwaljanzi fl-impjieg, fil-pagi, u fir-responsabbiltajiet ta' assistenza jakkumulaw, u jwessgħu d-differenzi bejn il-ġeneri fis-sigurtà tal-introjt, fil-pensjonijiet, u fl-indipendenza ekonomika aktar tard fil-ħajja.

Il-gruppi żvantaġġati jesperjenzaw diffikultajiet addizzjonali li jeħtieġu approċċ intersezzjonali. Bħala medja, aktar minn kwart tal-inugwaljanza fid-dħul tas-suq fl-Ewropa jista' jiġi traċċat għal fatturi li jintirtu, bħall-istatus soċjoekonomiku¹⁵ jew il-post ġeografiku tal-ġenituri. Iż-żgħażaġh b'diżabbiltà spiss ibatu meta jaslu għall-età adulta minħabba nuqqasijiet fil-perkorsi bejn l-edukazzjoni u l-impjieg. It-tfal għadhom f'riskju ogħla ta' faqar mill-popolazzjoni ġenerali. Id-distakki territorjali, b'mod partikulari għaż-żoni rurali u remoti, jillimitaw l-aċċess għal taħriġ, akkomodazzjoni, trasport, u konnettività ta' kwalità, jintensifikaw l-eżodu tal-imħuħ, u jżidu r-rata ta' individwi żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjieg, jew taħriġ (NEET).

L-ostakli strutturali fl-edukazzjoni u t-taħriġ, u fl-impjieg, il-faqar, il-kostijiet għoljin tal-akkomodazzjoni, u l-aċċess għas-servizzi jakkumulaw u spiss jgħaddu minn ġenerazzjoni għall-oħra, u jinħassu b'mod partikulari minn persuni li jiffaċċjaw diskriminazzjoni, inklużi dawk bi sfond ta' migrazzjoni, ir-Rom, u l-persuni LGBTIQ+.

Perspettiva li tqis il-ħajja kollha testendi lil hinn mill-ġenerazzjonijiet tal-lum. Billi neżaminaw ix-xejriet demografiċi, teknoloġiċi, ambjentali, klimatiċi, u soċjoekonomiċi fit-tul, nistgħu nantiċipaw l-opportunitajiet u r-riskji li se jiffaċċjaw **il-ġenerazzjonijiet futuri**. Għalkemm bħalissa ma jistgħux jivvutaw jew jitekllmu għalihom infushom, l-għażliet tal-lum se jsawru l-orizzont ta' opportunità tagħhom. L-ekwità interġenerazzjonali, għalhekk, titlob li

¹² Id-Diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea - Diċembru 2023 - Stħarriġ tal-Ewrobarometru

¹³ Statistika dwar id-diżabbiltà — ħtiġijiet tal-anzjani għal għajnuna jew assistenza

¹⁴ Is-sitwazzjoni tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa fl-UE — il-Kummissjoni Ewropea; Diskrepanzi fl-impjieg għan-nisa u għall-persuni b'diżabbiltà — Eurostat

¹⁵ OECD (2025), *To Have and Have Not – How to Bridge the Gap in Opportunities*, OECD Publishing, Parigi, <https://doi.org/10.1787/dec143ad>

jìgu indirizzati l-lakuni attwali filwaqt li jinħoloq futur li fih dawk li għadhom ma twildux ikunu jistgħu jirnexxu.

3. X'jìgri jekk ma niħdux azzjoni: il-prezz tan-nuqqas ta' azzjoni

L-ekwità interġenerazzjonali hija għażla strateġika għall-UE. Iċ-ċikli elettorali spiss ikollhom perjodi ta' żmien qosra, li jżidu l-inċentivi biex wieħed jiffavorixxi perspettiva fuq terminu qasir. Meta l-politiki ma jqisux biżżejjed l-impatti tagħhom fuq il-ġenerazzjonijiet kollha, il-kostijiet ekonomiċi, ambjentali, soċjali, u demokratiċi jakkumulaw gradwalment. Jekk wieħed iqis biss it-tibdil fil-klima, in-nuqqas ta' azzjoni jiswa lill-UE tnaqqis ta' bejn 7% u perċentwali b'żewġ ċifri tal-PDG tagħha sa tmiem is-seklu¹⁶. It-telf ekonomiku relatat mal-klima qed ikompli jaċċellera¹⁷.

Fejn l-opportunitajiet huma distribwiti b'mod mhux uniformi bejn il-ġenerazzjonijiet, it-territorji, u l-gruppi soċjali, hemm ir-riskju li l-gwadanji ekonomiċi jsiru dejjem aktar ikkonċentrati. Il-mobbiltà soċjali tista' tiddgħajfef, l-inugwaljanza tista' tikber, u l-fiduċja fl-ekwità tal-opportunitajiet tal-ħajja tonqos. Inqas minn nofs l-Ewropej huma tal-fehma li għandhom opportunitajiet indaqs biex javvanzaw fil-ħajja, u 38% biss jipperċepixxu li l-biċċa l-kbira tal-eżiti f'ħajjithom iseħħu b'mod ġust, u dan jenfasizza perċezzjoni dejjem akbar li l-ħajja mhijiex ġusta¹⁸. Din il-perċezzjoni tenfasizza l-importanza li jìgu indirizzati d-disparitajiet emerġenti, li jwasslu għat-trażmissjoni ta' żvantaġġi ekonomiċi minn ġenerazzjoni għal oħra, qabel ma jsiru strutturali.

In-nuqqas ta' azzjoni jista' jaffettwa wkoll ir-reżiljenza demokratika. Meta l-politiki jitqiesu bħala li ma jirrispondux biżżejjed għall-bidla ġenerazzjonali, il-fiduċja fl-istituzzjonijiet tista' tonqos. Filwaqt li l-fiduċja fl-UE għadha komparattivament għolja, huwa essenzjali li nibnu fuq din il-fiduċja biex insaħħu l-involviment taċ-ċittadini u r-reżiljenza demokratika. L-iżolament soċjali jista' jikkorrelata ma' parteċipazzjoni ċivika aktar baxxa, parteċipazzjoni aktar baxxa fl-elezzjonijiet, u impenn politiku iċken b'mod ġenerali¹⁹. Id-diżinformazzjoni tista' tnawwar il-fiduċja fl-istituzzjonijiet u fil-midja, tpoġġi l-elezzjonijiet f'riskju, u xxekkel il-kapaċità taċ-ċittadini li jieħdu deċiżjonijiet infurmati²⁰. Dan jagħmel lis-soċjetajiet aktar esposti għax-xokkijiet, aktar dipendenti fuq risponsi reattivi, u inqas kapaċi jinvestu b'mod kunfidenti fil-futur.

Għalhekk, il-prezz tan-nuqqas ta' azzjoni fuq l-ekwità interġenerazzjonali mhuwiex biss ekonomiku; huwa wkoll demokratiku, soċjali, u ambjentali. L-indirizzar tal-pressjonijiet tal-lum fuq l-akkomodazzjoni, il-ħiliet, l-aċċess għas-suq tax-xogħol, il-finanzi pubbliċi, ir-riżorsi naturali, is-sistemi tal-assistenza u tal-protezzjoni soċjali, u l-aċċess għas-servizzi joffri opportunità sinifikanti biex il-ġenerazzjonijiet żgħażaġh jìgu responsabbilizzati, filwaqt li jìgu affermati mill-ġdid is-solidarjetà u l-ekwità fl-etajiet kollha. L-ekwità interġenerazzjonali,

¹⁶ Valutazzjoni tal-impatt għall-mira klimatika għall-2040, SWD (2024) 63 finali, il-Parti 2/5, l-Anness 7, it-Taqsima 3

¹⁷ It-telf ekonomiku minn avvenimenti estremi relatati mat-temp u mal-klima fl-Ewropa | Indikaturi | L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA). Mit-telf ekonomiku ta' €822 biljun li seħħ f'dawn l-aħħar 45 sena b'rabta mal-klima, 25% seħħ f'dawn l-aħħar 4 snin

¹⁸ Ekwità, Inugwaljanza, u Mobilità Interġenerazzjonali — Frar 2023 — Stħarriġ tal-Ewrobarometru

¹⁹ Fatturi ta' riskju u konsegwenzi tas-solitudni — Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka: Iċ-Ċentru tax-Xjenza tal-UE

²⁰ Il-Kodiċi ta' Prattika tal-UE dwar id-Diżinformazzjoni | Il-Kummissjoni Ewropea. 63% taż-żgħażaġh Ewropej jiltaqgħu ma' aħbarijiet foloz aktar minn darba fil-ġimgħa filwaqt li 51% tal-Ewropej jaħsbu li ġew esposti għad-diżinformazzjoni online

għalhekk, mhijiex objettiv addizzjonali, iżda kundizzjoni għall-istabbiltà, għal-leġittimità, kif ukoll għat-tkabbir sostenibbli u nadif għad-deċennji li ġejjin.

4. Nibnu sisien ġodda għall-ekwità: “Kuntratt”

Interġenerazzjonali ġdid

L-ekwità interġenerazzjonali tiddependi fuq il-konsolidament tas-sisien li fuqhom hija bbażata s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet. Din l-istrateġija tippreżenta “kuntratt” interġenerazzjonali ġdid, mibni b’rispons għar-rakkomandazzjonijiet tal-panel taċ-Ċittadini Ewropej, li jirrifletti l-ħtieġa li jiġu estiżi l-opportunitajiet maż-żmien, li jiġu indirizzati d-disparitajiet bejn it-territorji, u li jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet jittieħdu b’perspettiva aktar fit-tul. **Tipprovdi qafas komuni għall-allinjament tal-prospettiva, l-ekwità, u r-responsabbiltà,** sabiex l-għażliet tal-lum isaħħu l-opportunitajiet kemm għall-ġenerazzjoni attwali kif ukoll għal dawk futuri, **u għat-tisħiħ tan-nisġa soċjali tal-UE** billi l-ġenerazzjonijiet jitlaqqgħu flimkien madwar għanijiet komuni, responsabbiltà kondiviża, u investiment kollettiv fil-futur.

Il- “kuntratt” interġenerazzjonali l-ġdid huwa msejjes fuq tliet dimensjonijiet: 1) *Tfassil ekwu tal-politika*, li jintegra l-ħsieb fit-tul u l-perspettiva taż-żgħażaġh; 2) *Opportunitajiet ekwi* li jgħaqqdu lill-ġenerazzjonijiet madwar għanijiet komuni għal futur aħjar, u 3) *Kuntesti territorjali ekwi* li jrawmu l-ekwità interġenerazzjonali fit-territorji kollha.

4.1. It-tfassil ekwu tal-politika — nintegraw il-ħsieb fit-tul u l-perspettiva taż-żgħażaġh

It-tfassil ekwu tal-politika jirrikjedi li l-impatti fit-tul tad-deċiżjonijiet jitqiesu b’mod sistematiku flimkien ma’ objettivi fuq terminu qasir. Il-liġijiet, il-baġits, u r-riformi jsawru l-opportunitajiet maż-żmien, u l-għażliet li jsiru llum jistgħu jgħolqu benefiċċji — jew kostijiet — dejjiema għall-ġenerazzjonijiet futuri. L-applikazzjoni ta’ perspettiva aktar fit-tul u sistemika tgħin biex jiġi żgurat li s-soluzzjonijiet fuq terminu qasir ma jiġġenerawx riskji jew piżijiet evitabbli.

Dan jimplika approċċi ta’ governanza antiċipatorji u bbażati fuq l-evidenza. Permezz tal-aġenda tagħha għal Regolamentazzjoni Aħjar, l-UE hija minn ta’ quddiem f’dak li għandu x’jaqsam mal-governanza tajba u t-teħid ta’ deċiżjonijiet antiċipatorji²¹. Din tuża diversi għodod bħall-prospettiva strateġika, il-valutazzjonijiet tal-impatt, u konsultazzjonijiet pubbliċi biex tagħmel kunsiderazzjoni bbażata fuq l-evidenza tal-kompromessi li jgħinu fl-identifikazzjoni bikrija tar-riskji u jorjentaw l-għażliet politiċi. Dawn l-approċċi jappoġġaw politiki aktar reżiljenti u sodi fis-setturi kollha.

It-tfassil ekwu tal-politika jiddependi wkoll fuq l-iżgurar li l-perspettivi ta’ dawk l-aktar affettwati minn deċiżjonijiet b’impatt fit-tul ikollhom siġġu mal-mejda tad-diskussjoni. Dan ifisser li jinħolqu opportunitajiet sinifikanti u proporzjonati biex iż-żgħażaġh jikkontribwixxu għad-diskussjonijiet politiċi li jsawru l-futur tagħhom.

²¹ OECD (2025), *Better Regulation Practices across the European Union 2025*, OECD Publishing, Parigi, <https://doi.org/10.1787/6f007516>

Id-deċiżjonijiet tal-lum spiss jimplikaw impatti sinifikanti fuq il-ġenerazzjonijiet futuri, mil-lat ekonomiku, soċjali, jew ambjentali. L-azzjonijiet ta' hawn taħt se jkomplu jiżguraw li l-kunsiderazzjonijiet fit-tul jiġu integrati b'mod koerenti fit-tfassil tal-politiki.

Biex tappoġġa t-tfassil ekwu tal-politika, il-Kummissjoni se:

1. **Tappoġġa l-iżvilupp tal-kapaċità antiċipatorja (futures literacy) fl-amministrazzjonijiet pubbliċi** tal-Istati Membri kollha tal-UE billi tippubblika pakkett multilingwi dwar it-Tfassil ta' Politika Orjentata lejn il-Futur.
2. **Tissoda l-użu tal-prospettiva strateġika fit-tfassil tal-politika**, pereżempju billi tappoġġa l-Futures Balance Tool, għodda bbażata fuq l-IA għal analiżi progressiva dwar il-politika, li bħalissa qiegħda fil-fażi tal-iżvilupp fi sħubija mal-Beyond Lab tan-NU.
3. **Tissokta bl-applikazzjoni sistematika tal-Verifika taż-Żgħażaġħ, inklużi d-Djalogi ta' Politika maż-Żgħażaġħ**, għall-inizjattivi ewlenin tal-programm ta' hídma tal-Kummissjoni biex jiġi eżaminat l-impatt potenzjali ta' politiki għodda fuq iż-żgħażaġh.
4. **Tinkariga lill-Grupp Ewropew dwar l-Etika fix-Xjenza u fit-Teknoloġiji l-Ġodda (GEE)** biex jipprovdi analiżi u rakkomandazzjonijiet dwar Futuri Diġitali Ekwí, l-IA, u l-Beni Pubbliċi Diġitali.
5. **Tippubblika rapport ta' progress dwar l-istrateġija dwar l-ekwi-tà interġenerazzjonali** fil-bidu tal-2028 biex torjenta l-kontributi tal-UE għall-passi li jmissha tiegħu n-NU fuq il-bażi tad-Dikjarazzjoni dwar il-Ġenerazzjonijiet Futuri.
6. **Tippubblika Pjan Direzzjonali għal-Lonġevità**, maħsub biex jidentifika l-kwistjonijiet strateġiċi speċifiċi marbutin mal-età għall-gruppi tal-età kollha sabiex jiġu identifikati opportunitajiet strateġiċi għat-tiswir attiv ta' ħajjiet itwal, aktar sana, u finanzjarjament siguri.

Prattiki fl-Istati Membri tal-UE li jservu ta' ispirazzjoni

- F'ħafna Stati Membri tal-UE wieħed isib **eżempji tal-istituzzjonalizzazzjoni tal-ħsieb fit-tul** f'forom differenti: Fil-Finlandja (*il-Kumitat għall-Futur*²²), fi Spanja (*L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Prospettiva u tal-Istrateġija*²³), u f'Malta (*il-Gwardjan ta' Ġenerazzjonijiet Futuri*²⁴).
- **Ħafna Stati Membri tal-UE għandhom Valutazzjonijiet tal-Impatt Regulatorju speċifiċi fuq iż-żgħażaġh** u/jew fuq il-ġenerazzjonijiet futuri: L-Awstrija (*Wirkungsorientierte Folgenabschätzung*), il-Belġju/Flanders (*JoKER*), il-Finlandja (*Lapsivaikutusten arviointi*), Franza (*Clause d'impact jeunesse*), il-Ġermanja (*Jugend-Check*), l-Italja (*Valutazione di Impatto Generazionale*), in-Netherlands (*Generatietoets*), u l-Iżvezja (*Barnkonsekvensanalys*).

4.2. L-Opportunitajiet Ekwi — nghaqqudu l-ġenerazzjonijiet madwar għanijiet komuni għal futur aħjar

L-opportunitajiet ekwi jirrikjedu li t-tfal u ż-żgħażaġh ikunu jistgħu jibnu ħajjithom fuq pedamenti sodi. Il-kundizzjonijiet fil-fażijiet bikrin tal-ħajja jiddeterminaw bil-kbir dak li jseħħ aktar tard, filwaqt li l-iżvantaġġi li ma jiġux indirizzati kmieni għandhom it-tendenza li jakkumulaw maż-żmien. Għalhekk, approċċ interġenerazzjonali jagħti prijorità lill-prevenzjoni bikrija, lill-appoġġ immirat, u lit-tranżizzjonijiet ġestiti tajjeb għall-ħajja adulta, u jirrikonoxxi li l-opportunitajiet ekwi jinbnew tul il-ħajja kollha kemm hi.

²² “*Il-Kumitat għall-Futur*” Finlandiż huwa korp parlamentari permanenti li jintegra l-prospettiva fil-governanza.

²³ “*L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Prospettiva u tal-Istrateġija*” Spanjol jikkoordina l-pjan direzzjonali “Spanja 2050”, filwaqt li jintegra l-prospettiva strateġika fil-governanza sabiex il-politiki attwali jiġu allinjati mal-miri tal-ekwi-tà interġenerazzjonali fit-tul.

²⁴ “*Il-Gwardjan ta' Ġenerazzjonijiet Futuri*” Malti huwa kummissjoni ta' livell għoli li tawditja s-setturi governattivi biex tiżgura li l-politiki dwar l-iżvilupp sostenibbli ma jikkompromettux liċ-ċittadini futuri.

Il-politiki li jiffukaw fuq it-tfal u ż-żgħażaġh, b'mod partikulari dawk minn kuntest żvantaġġat u/jew li qed jiffaċċjaw diskriminazzjoni, huma essenzjali biex tiġi żgurata l-ekwità bejn il-ġenerazzjonijiet. Dan jinkludi investiment kostanti fl-iżvilupp bikri tat-tfal, fl-edukazzjoni, fit-taħriġ u fil-ħiliet, fl-aċċess kulturali, fil-parteċipazzjoni u fl-infrastruttura, fl-attivitajiet rikreattivi, fl-aċċess għas-saħħa, fl-aċċess għall-akkomodazzjoni, għat-trasport, u għal servizzi essenzjali oħrajn, kif ukoll appoġġ immirat għal punti ta' tranżizzjoni ewlenin fil-ħajja bħat-tluq mill-iskola, id-dħul fis-suq tax-xogħol, u l-formazzjoni ta' familja indipendenti. Jinkludi wkoll il-promozzjoni tal-litteriżmu finanzjarju, li huwa essenzjali biex iż-żgħażaġh ikunu kapaċi jiggarrantixxu l-indipendenza finanzjarja u l-inklużjoni finanzjarja tagħhom²⁵. Bil-fatt li jindirizzaw ir-riskji kmieni u jappoġġaw lit-tfal fil-bżonn,²⁶ dawn il-miżuri jgħinu biex jiġi evitat li l-inugwaljanzi jrabbu l-għeruq u jnaqqsu l-pressjoni fuq is-sistemi soċjali fit-tul. Sabiex ikunu effettivi, dawn il-miżuri jeħtieġ li jmorru lil hinn mill-enfasi fuq l-età u jqisu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-gruppi vulnerabbli u żvantaġġati.

L-ekwità interġenerazzjonali tista' teżisti biss meta jkun hemm distribuzzjoni ekwa tal-ġid maħluq mis-soċjetà. L-inugwaljanzi fid-distribuzzjoni tal-ġid, u d-differenzi fit-tassazzjoni fuq il-ġid u fuq il-wirt fis-soċjetajiet tagħna jiddeterminaw il-mod kif ir-riskji u l-opportunitajiet jiġu trażmessi bejn il-ġenerazzjonijiet. L-iżmantellar tal-ħitan strutturali li jaffettwaw b'mod sproporzjonat liż-żgħażaġh huwa kruċjali wkoll biex titkisser it-trażmissjoni interġenerazzjonali tal-iżvantaġġi, filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat li l-anzjani jkunu jistgħu jibqgħu siguri, inklużi, u kapaċi jikkontribwixxu waqt li jixjieħu. L-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, l-aċċess għall-edukazzjoni u għat-taħriġ, perkorsi ta' impjieg stabbli u ta' sodisfazzjon, servizzi tas-saħħa ta' kwalità għolja — inklużi s-servizzi tas-saħħa mentali — u l-kapaċità li wieħed jikkombina x-xogħol, it-tagħlim, u l-ħajja privata u tal-familja jiddeterminaw jekk iż-żgħażaġh ikunux jistgħu jikkontribwixxu bis-sħiħ għas-soċjetà u jippjanaw b'fiduċja għall-futur. Fil-biċċa l-kbira, dan kollu jippermetti wkoll viċinati, parteċipazzjoni, u djalogu interġenerazzjonali.

It-tħaddim ta' dawn il-prinċipji fil-prattika jeħtieġ azzjonijiet immirati u bbażati fuq l-evidenza. F'dan il-kuntest, l-istrateġija tiffoka fuq it-tisħiħ tal-bażi analitika għall-ekwità interġenerazzjonali permezz tal-kompilazzjoni ta' *Indiċi tal-Ekwità Interġenerazzjonali* apposta. Dan se jittfassal biex jidentifika l-inugwaljanzi fl-opportunitajiet bejn il-ġenerazzjonijiet attwali u maż-żmien billi jimmonitorja l-metrika li hija assoċjata mill-qrib mal-ekwità interġenerazzjonali. L-istrateġija se tagħti spinta wkoll lill-involvement taċ-ċittadini billi tgħaqqad il-ġenerazzjonijiet madwar għanijiet komuni, issaħħaħ id-djalogu u l-kooperazzjoni interġenerazzjonali, tamplifika l-ilħna tat-tfal u taż-żgħażaġh, u tiġġielew id-diskriminazzjoni abbażi tal-età billi taqşam l-aħjar Prattiki fost l-Istati Membri.

Sabiex tappoġġa l-opportunitajiet ekwi, il-Kummissjoni se:

1. **Tfassal Indiċi tal-Ekwità Interġenerazzjonali** biex jiġu identifikati l-opportunitajiet u l-lakuni, jiġu orjentati d-deċizzjonijiet politiċi, u tiġi promossa l-ekwità bejn il-ġenerazzjonijiet.
2. **Tappoġġa l-iżvilupp ta' kompendju tal-aħjar Prattiki dwar l-ugwaljanza fir-rigward tal-età** mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza, u d-Diversità li jibni fuq l-istudju li jmiss dwar id-diskriminazzjoni abbażi tal-età fl-UE li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-pjanijiet ta' azzjoni jew il-miżuri nazzjonali dwar l-ugwaljanza fir-rigward tal-età.

²⁵ L-azzjonijiet għall-promozzjoni tal-litteriżmu finanzjarju ġew spjegati *fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (2025) dwar Strateġija ta' Litteriżmu Finanzjarju għall-UE*, COM (2025) 681 finali.

²⁶ Skont il-prinċipji tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal, *il-Garanzija Ewropea għat-Tfal — Impjiegi, Affarijiet Soċjali, u Inklużjoni*.

3. **Thegġegħ attivitajiet ta' riċerka kollaborattiva** li jippromwovu l-ekwi-tà interġenerazzjonali fl-ambitu tal-Orizzont Ewropa.
4. **Torganizza Forum Demografiku** bħala post għall-iskambju u t-tagħlim reċiproku dwar l-indirizzar tal-iżviluppi demografiċi.
5. **Tagħti spinta lill-involviment taċ-ċittadini — b'mod partikulari taż-żgħażaġh —** billi tappoġġa proċessi parteċipattivi u konsultattivi, inkluż billi:
 - a. Tippromwovi d-djalogi interġenerazzjonali, l-ibbaġitjar parteċipattiv, il-prospettiva parteċipattiva, il-panels taċ-ċittadini, u għodod innovattivi tat-teknoloġija ċivika online.
 - b. Torganizza l-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ 2026 iddedikata għas-solidarjetà u għall-ekwi-tà.
 - c. Tissensibilizza, b'mod partikulari b'rabta mas-16 ta' Novembru bħala jum meta niċċelebraw l-Ekwi-tà Interġenerazzjonali.
6. **Issaħħaħ id-dimensjoni tal-ekwi-tà interġenerazzjonali fil-politiki tal-UE dwar iż-żgħażaġh u l-isport permezz tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ għall-perjodu wara l-2027 u l-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport**, filwaqt li **ssaħħaħ sehem it-tfal** fit-tfassil tal-politika tal-UE, billi ssostni d-drittijiet tat-tfal fil-politiki kollha rilevanti tal-UE²⁷ u tibni fuq il-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal²⁸.

Prattiki fl-Istati Membri tal-UE li jservu ta' ispirazzjoni

- **Fin-Netherlands, il-programm ta' azzjoni Promising Start** jappoġġa lit-tfal u lill-ġenituri tagħhom fl-ewwel 1,000 jum.
- **Fil-Belġju, CALICO** huwa proġett ta' akkomodazzjoni ffinanzjat mill-UE fi Brussell li jappoġġa s-solidarjetà interġenerazzjonali, l-akkomodazzjoni għan-nisa, u s-sjieda affordabbli.
- **Fil-Polonja, il-workshops Together with Seniors — Gardening** jippromwovu r-rabtiet interġenerazzjonali u l-integrazzjoni tal-komunità bħala parti minn proġett tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

4.3. Kuntesti Territorjali Ekwi — niżguraw l-ekwi-tà interġenerazzjonali fit-territorji kollha

L-ekwi-tà interġenerazzjonali ma tiddependix biss mil-età, mill-ġeneru, u mill-kuntest soċjoekonomiku, iżda wkoll mill-post. Fejn jgħixu n-nies jinfluwenza b'mod qawwi l-aċċess tagħhom għall-edukazzjoni, għall-kultura, għall-impjiegi, għall-akkomodazzjoni, għas-servizzi, għall-infrastruttura diġitali, għall-mobbiltà, u għall-opportunitajiet għall-parteċipazzjoni fid-demokrazija u fis-soċjetà. Maż-żmien, id-disparitajiet territorjali — bejn żoni urbani u rurali, reġjuni transfruntieri, u viċinati żvantaġġati — jistgħu jamplifikaw l-inugwaljanzi.

Perspettiva territorjali dwar l-ekwi-tà interġenerazzjonali tiffoka fuq l-iżguraw li ġenerazzjonijiet differenti ma jkunux żvantaġġati kaġun tal-ġeografija. Dan jirrikjedi politiki li jqisu l-kundizzjonijiet lokali u l-impatt klimatiku, u li jinvestu fil-kapaċità fit-tul tal-postijiet biex isostnu l-opportunitajiet għall-ġenerazzjonijiet kollha. L-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli, għal servizzi pubbliċi ta' kwalità, inklużi servizzi soċjali u tal-assistenza, għat-trasport, għall-konnettività diġitali, għall-infrastruttura soċjali, u għal faċilitajiet ta' rikreazzjoni huma ċentrali għal jekk in-nies ikunux jistgħu jibqgħu, jirritornaw, jew jibnu l-futur tagħhom fil-komunitajiet tagħhom. Fl-istess ħin, il-mobbiltà

²⁷ L-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, COM(2021) 142 final.

²⁸ Il-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal | L-Unjoni Ewropea.

edukattiva u l-moviment liberu tal-ħaddiema jtejbu l-opportunitajiet b'mod partikulari għaż-żgħażaġh, jippermettu t-trasferiment tal-ħiliet u tal-għarfien, u jsostnu it-tkabbir sostenibbli fit-tul.

It-tisħiħ tal-konnessjonijiet interġenerazzjonali fil-livell lokali jikkontribwixxi wkoll għar-reżiljenza u għall-koeżjoni soċjali. Il-faċilitajiet komunitarji, l-ispazji pubbliċi kondiviżi, u s-servizzi lokali jistgħu jappoġġaw l-interazzjoni bejn il-gruppi ta' età, inaqqsu l-iżolament, u jrawmu appoġġ reċiproku — b'mod partikulari f'żoni li qed jiffaċċjaw tibdil demografiku jew tranżizzjoni ekonomika. It-tisħiħ tal-aċċess tan-nies għall-kultura u l-parteċipazzjoni fiha jrawwem valuri komuni u koeżjoni soċjali, li jirresponsabilizza lill-ġenerazzjonijiet kollha.

Li niggarrantixxu kuntesti territorjali ekwi jfisser azzjonijiet immirati u bbażati fuq it-territorju — imwettqin flimkien mal-awtoritajiet lokali u reġjonali — li jsaħħu l-opportunitajiet għall-ġenerazzjonijiet żgħażaġh, isostnu t-tixjiħ san u attiv fil-komunitajiet lokali, irawmu l-iskambju ta' esperjenzi fit-territorji kollha, u jippromovu inizjattivi li jsaħħu l-konnessjonijiet interġenerazzjonali fil-komunitajiet.

Sabiex tappoġġa l-kuntesti territorjali ekwi, il-Kummissjoni se:

1. **Tniedi l-inizjattiva *Voices of the Future*** flimkien mal-Kumitat tar-Reġjuni, filwaqt li tistieden lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jinvolvu ruħhom fit-tiswir tal-futur tar-reġjuni tagħhom (imħabbra fit-Tarka Ewropea għad-Demokrazija).
2. **Trawwem l-ispirazzjoni, il-konnessjoni, u l-assistenza reċiproka** billi *tibni sħubijiet interġenerazzjonali* ma' libreriji, mużewijiet, organizzazzjonijiet sportivi, u ċentri komunitarji, kif ukoll programmi kulturali, akkademiċi, kreattivi, u li jħarsu 'l quddiem, fosthom:
 - a. Il-promozzjoni tal-iskambji kulturali interġenerazzjonali u l-inklużjoni f'konformità mal-Boxxla Kulturali għall-Ewropa.
 - b. Enfasi fuq soluzzjonijiet tat-trasport inklużivi, aċċessibbli, u sostenibbli għall-ġenerazzjonijiet kollha permezz tal-Ġimgħa Ewropea tal-Mobbiltà 2026.
 - c. Il-promozzjoni ta' attivitajiet interġenerazzjonali permezz tal-isport, b'mod partikulari inizjattivi li jgħaqqdu l-ġenerazzjonijiet u jipprovdu aċċess aktar faċli għall-isport u għall-attività fiżika għall-etajiet kollha — bi premju #BeActive EU Sport għall-kategorija "interġenerazzjonali".
3. **Is-salvagwardja u r-riġenerazzjoni tal-ispazji pubbliċi għal koeżjoni soċjali u sostenibbiltà msaħħin** permezz tal-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida u l-attivitajiet tagħha mmexxijin mill-komunità u permezz ta' għarfien dwar ir-rwol tal-ispazji pubbliċi għar-reżiljenza demokratika.

Prattiki fl-Istati Membri tal-UE li jservu ta' ispirazzjoni

- **Madwar l-Ewropa, il-proġett Phōnē** — Giving Minority Languages a Voice huwa ffukat fuq il-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika billi jgħaqqad il-kelliema tal-lingwi minoritarji madwar l-Ewropa, irawwem ir-rakkontar tal-istejjer interġenerazzjonali u l-produzzjonijiet tat-teatru tal-komunità.
- **Fis-Slovenja, The Pulse of European Literature** tittraduċi u tippromwovi xogħlijiet Ewropej kontemporanji biex trawwem l-identità u l-inklużività Ewropej, filwaqt li tinvolvi udjenzi ta' kull età permezz tal-kollaborazzjoni interġenerazzjonali u tal-midja diġitali.

- **Madwar l-Ewropa, il-programm European Heritage Volunteers** jagħti ħajja ġdida lis-siti ta' patrimonju permezz ta' korsijiet ta' taħriġ "Traditional Crafts in Practice", li jgħaqqdu l-ġenerazzjonijiet u l-kulturi, u juru prattiki ta' wirt sostenibbli għar-reżiljenza għall-klima.
- **Fi Franza, "La république des hyper voisins"** tiġbor flimkien l-abitanti ta' viċinat ta' Pariġi biex darba fis-sena jorganizzaw avveniment fejn in-nies jiġu mistednin jibni l-kuntatti billi jieklu flimkien fit-triq.

5. L-integrazzjoni tal-ekwiżità interġenerazzjonali fil-politiki kollha tal-UE

L-ekwiżità interġenerazzjonali mhijiex qasam ta' politika ġdida. Hija stedina biex wieħed iħares b'mod aktar ċar lejn il-konsegwenzi fit-tul tal-għażliet eżistenti u biex jiġi żgurat li l-kost, ir-riskji, jew ir-restrizzjonijiet tad-deċiżjonijiet li nieħdu llum ma jiġux trasferiti minn ġenerazzjoni għal oħra.

L-integrazzjoni tal-ekwiżità interġenerazzjonali fit-tfassil tal-politika hija waħda mill-oġġettivi ewlenin ta' din l-istrateġija. Sakemm ma titqiesx b'mod sistematiku fit-tfassil, fl-implimentazzjoni, u fl-evalwazzjoni tal-politiki, ma tistax tkun effettiva. L-ekwiżità interġenerazzjonali, għalhekk, m'għandhiex tiġi ttrattata bħala ferġha ta' politika separata, iżda bħala prinċipju gwida li jirfed il-politiki u l-infiq kollha tagħna. Dan jirrikjedi, fost affarijiet oħra, li niproteġu liż-żgħażaġh mhux biss permezz ta' investiment intelliġenti, iżda billi niżguraw li ma jitħallewx iħallsu d-djun tal-passat. Jirrikjedi għodod biex jiġi żgurat li r-riformi li nibdew illum jittfasslu bil-ħsieb tal-impatt fit-tul tagħhom. Jirrikjedi wkoll li jiġi żgurat li l-interessi tal-anzjani jiġu integrati fit-tfassil tal-politika. Dan l-approċċ huwa rifless *fil-Qafas Finanzjarju pluriennali* (b'mod partikulari permezz tal-Fond Soċjali Ewropew²⁹) jew *fis-Semestru Ewropew*, li huwa l-qafas għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u tal-impjiegi fl-UE, billi jiġu adottati riformi fit-tul li jkun kemm adegwati kif ukoll sostenibbli. F'dan il-qafas, il-Kummissjoni Ewropea — bħala impjegatur — tista' tagħti l-eżempju, billi ssaħħa l-impenn tagħha għal tolleranza żero tad-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età u billi trawwem kollaborazzjoni interġenerazzjonali fil-post tax-xogħol.

L-UE diġà taġixxi f'ħafna oqsma bl-idea li jkun hemm effetti sinifikanti fit-tul. Għalhekk, l-għan ta' din it-taqsimu huwa li tenfasizza fejn l-integrazzjoni ta' perspettiva interġenerazzjonali żżid valur ċar, issaħħa il-koerenza, u tappoġġja d-durabbiltà u l-leġittimità tal-azzjoni min-naħa tal-UE fid-dawl tal-impenji tagħha għall-Patt tal-Futur u għad-Dikjarazzjoni dwar il-Ġenerazzjonijiet Futuri.

... billi nibnu l-kompetittività mingħajr ma neżawrixxu r-riżorsi

L-ekwiżità interġenerazzjonali tiddependi fuq il-kapaċità tal-Ewropa li tibqa' kompetittiva, innovattiva, u ekonomikament reżiljenti maż-żmien. Sabiex jiġi ssalvagwardjat il-benesseri tal-ġenerazzjonijiet futuri, it-tkabbir irid isir b'mod li ma jnaqqasx ir-riżorsi li fuqhom jiddependi l-benesseri tagħhom. L-investiment f'industriji orjentati lejn il-futur joħloq impjiegi ta' kwalità fl-Ewropa, isahha il-kompetittività sostenibbli, u jappoġġja awtonomija strateġika ewlenija u ekonomija robusta u kompetittiva. Politiki ekonomiċi u industrijali sostenibbli u li jibqgħu validi fil-futur u li jrawmu swieq kompetittivi huma vitali għal impjiegi ta' kwalità u finanzi pubbliċi sostenibbli. L-investiment fl-infrastruttura u fil-

²⁹ Il-Fond Soċjali + jista' jappoġġja bosta azzjonijiet li jtaffu l-impatt tat-tibdil demokratiku, bħall-aċċess għall-impjieg (inkluż għall-anzjani, għaż-żgħażaġh, u għan-nisa), l-aċċess għal-ħildcare u għal servizzi ta' assistenza fit-tul, għall-edukazzjoni u l-ħiliet, u t-tweġġ tal-Garanziji għat-Tfal u għaż-Żgħażaġħ. Dan il-punt importanti huwa msaħħa aktar fil-proposti tal-Kummissjoni għall-QFP li jmiss, li jintroduċu artikolu speċifiku ddedikat għall-FSE dwar it-tibdil demografiku.

kumpaniji innovattivi huwa ugwalment essenzjali għat-twessigħ tal-opportunitajiet kemm għall-ġenerazzjonijiet attwali kif ukoll għal daww futur.³⁰ Għax issostni l-produttività, l-awtonomija strateġika, u l-iżvilupp ta' industrij orjentati lejn il-futur, il-kompetittività tikkontribwixxi għall-ekwità interġenerazzjonali billi tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jirtu assi kapitali, soċjali, u ambjentali b'saħħithom, kif ukoll bażi ekonomika robusta u adattabbli.

... Ninvestu fin-nies u nippromwovu mudell soċjali Ewropew b'saħħtu

L-ekwità interġenerazzjonali hija b'saħħitha fejn il-politiki jżidu l-kapaċità tan-nies li jipparteċipaw, jadattaw, u jippjanaw tul ħajjithom kollha. Dan ifisser sistemi b'saħħithom ta' protezzjoni soċjali u ta' assistenza, fejn kulħadd, f'kull stadju tal-ħajja, ikun jista' jiddependi fuq l-appoġġ meta jkun meħtieġ³¹.

Il-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja huma ċentrali biex jiġi żgurat li l-ġenerazzjonijiet kollha jkunu jistgħu jadattaw għall-bidla ekonomika u teknoloġika, filwaqt li jippermettu lill-ħaddiema akbar fl-età jibqgħu attivi. Inizjattivi tal-UE *bħall-Unjoni tal-Ħiliet u ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni* jappoġġaw lill-Istati Membri biex jantiċipaw u jirrispondu għall-ħtiġijiet tal-ħiliet, jippromwovu t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid biex itawlu l-ħajja tax-xogħol, inaqqsu d-diskrepanza fil-ħiliet diġitali, jimmodernizzaw is-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, u fejn ikun meħtieġ jattiraw talent minn barra l-Ewropa³². *L-inizjattiva Blue Carpet* inkluża fl-Istrateġija tal-UE għall-kumpaniji Start-up u Scale-up tappoġġa l-attrazzjoni u ż-żamma ta' professjonisti, studenti, u riċerkaturi b'livell għoli ta' ħiliet fl-ambitu tal-inizjattiva *Agħżel l-Ewropa*.

Il-politiki kulturali u sportivi b'saħħithom għandhom rwol ċentrali fl-avvanz tal-ekwità interġenerazzjonali, fit-tisħiħ tal-inklużjoni soċjali, u fit-tisħiħ tas-sostenibbiltà fit-tul billi jrawmu l-parteeċipazzjoni, is-solidarjetà, u l-valuri komuni fost il-gruppi ta' età differenti.

Programmi tal-UE bħall-Erasmus+ jappoġġaw l-iżvilupp tal-ħiliet, iċ-ċittadinanza attiva u t-tagħlim tul il-ħajja għall-gruppi tal-etajiet kollha, jgħinu biex jitravwem l-iżvilupp ta' kompetenzi soċjali u interkulturali, il-ħsieb kritiku, u l-litteriżmu medjatiku, u (b'mod partikulari permezz tal-fergħa taż-żgħażaġh tiegħu) jippromwovu l-ekwità u t-tagħlim interġenerazzjonali. *Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà*³³ jappoġġja timijiet interġenerazzjonali ta' voluntieri fil-livell lokali u f'dak reġjonali biex jiksbu ħiliet, kompetenzi fundamentali, u valuri Ewropej, u b'hekk jikkontribwixxi għas-solidarjetà u l-ekwità interġenerazzjonali.

L-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni ħarġet bħala sfida interġenerazzjonali partikularment viżibbli³⁴. Iż-żgħażaġh qed isibu ma' wiċċhom dejjem aktar ħitan li ma jħalluhomx jaċċessaw akkomodazzjoni soċjali, b'konnessjonijiet tajbin u bi prezzijiet aċċessibbli, filwaqt li ħafna anzjani jgħixu f'kundizzjonijiet inadegwati jew iżolati. L-azzjoni min-naħa tal-UE tikkontribwixxi permezz ta' investimenti, miżuri abilitanti, il-promozzjoni ta' riformi, u

³⁰ Ara, pereżempju, *l-Istrateġija Industrijali Ewropea*, *il-Boxxla għall-Kompetittività*, jew *l-Istrateġija tal-UE għall-kumpaniji Start-up u Scale-up*

³¹ Programmi tal-UE *bħall-UE għas-Saħħa*, jew inizjattivi *bħall-Pjan Direzzjonali għal Impjiegi ta' Kwalità*, l-Istrateġija imminenti Kontra l-Faqar, il-Garanzija għat-Tfal imsaħħa, l-Istrateġija Ewropea għall-Kura, u *r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja* għandhom l-għan li jsaħħu l-aċċess għall-assistenza u li joffru sostenn lill-indoktraturi, irawmu l-impjiegi ta' kwalità, jiżguraw l-aċċess għal servizzi u protezzjonijiet fundamentali, u jkissru ċ-ċikli tal-faqar.

³² *L-Unjoni tal-Ħiliet* adottata mill-Kummissjoni fl-2025 għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni, taħriġ, u ħiliet ta' kwalità, inklużivi, u adattabbli biex in-nies madwar l-Ewropa jiġu responsabbilizzati bil-ħiliet li jeħtieġu biex jirnexxu, u tizzied il-kompetittività tal-UE, b'inizjattivi bħal Skema ta' Appoġġ għall-Ħiliet Bażiċi, Aġenda tal-UE għall-Għalliema u għall-Ħarrieġa, Alleanzi Ewropej tal-Iskejjel, u Pjan Direzzjonali tal-2030 dwar il-futur tal-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali.

³³ *Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà* | *Il-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ*

³⁴ Il-panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar l-Ekwità Interġenerazzjonali enfasizza l-importanza ta' *akkomodazzjoni sikura, komunitajiet b'saħħithom, u għajxien dinjituż għall-ġenerazzjonijiet kollha*.

inizjattivi mmirati li jtejbju l-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u adegwata, filwaqt li tikkomplementa l-isforzi fil-livelli nazzjonali, reġjonali, u lokali.

Soċjetajiet li qed jixjieħu jqajmu wkoll mistoqsijiet interġenerazzjonali dwar l-adeqwatezza u s-sostenibbiltà tal-pensjonijiet, is-saħħa, u l-assistenza fit-tul, fejn l-ekwità interġenerazzjonali tisser l-ibbilanċjar tal-adeqwatezza mas-sostenibbiltà fiskali³⁵. Biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw mit-trasformazzjonijiet demografiċi u tas-suq tax-xogħol hemm bżonn taħlita wiesgħa ta' politiki, inkluż it-tisħiħ tal-pensjonijiet supplimentari biex jiġi pprovdut introjtu addizzjonali fix-xjuħija għall-persuni rtirati³⁶.

L-Istrateġija Ewropea għal Unjoni tal-Preparatezza³⁷ — f'konformità mar-rapport ta' Niinistö "Safer Together — A path towards a fully prepared Union"³⁸ — tippromwovi approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha għall-preparatezza u s-sigurtà b'azzjonijiet diretti lejn ġenerazzjonijiet iżgħar u akbar fl-età u lejn persuni vulnerabbli.³⁹

It-Tarka Ewropea għad-Demokrazija u l-istrateġija tal-UE għas-soċjetà ċivili għandhom l-għan li jsaħħu r-reżiljenza demokratika billi jadottaw approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha, fost l-oħrajn billi jsaħħu l-parteċipazzjoni ċivika u l-konnessjonijiet interġenerazzjonali⁴⁰. Is-salvagwardja tal-integrità tas-sistema demokratika tal-lum tikkontribwixxi biex jiġi żgurat li l-ġenerazzjonijiet futuri jirtu ambjent politiku bbażat fuq it-trasparenza, il-parteċipazzjoni, u r-responsabbiltà, li huwa prerekwiżit fundamentali għall-ekwità interġenerazzjonali.

... L-avvanz tat-tranżizzjoni doppja b'rispett lejn il-limiti tal-pjaneta

It-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tal-UE għandha implikazzjonijiet interġenerazzjonali ċari. Dawn jirrikjedu bidla fil-mod kif l-UE tuża r-riżorsi, tipproteġi l-ekosistemi tagħha, tħejji lill-ħaddiema, negozji, u ċittadini, iġġib il-kompetittività, u tirrispetta l-limiti ekoloġiċi li fihom iridu jgħixu l-ġenerazzjonijiet futuri.

Il-politiki tal-UE dwar il-klima u dwar l-ambjent qegħdin fil-qalba tal-azzjoni min-naħa tal-UE biex tissalvagwardja l-pjaneta għal dawk li għad iridu jiġu. L-aspetti interġenerazzjonali huma intrinseċi għall-politika dwar il-klima peress li kwalunkwe dewmien biex tittieħed azzjoni jimplika kostijiet oġġla għall-ġenerazzjonijiet futuri. L-inizjattivi ewlenin *tal-Patt Ekoloġiku Ewropew* u *tal-Patt Ewropew għall-Oċeani* għandhom l-għan li naslu għan-newtralità klimatika, innaqqsu l-emissjonijiet u l-użu ta' riżorsi limitati, innaqqsu t-tniġġis, inżidu ċ-ċirkolarità, nipproteġu l-bijodiversità, u nappoġġaw it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi fis-setturi kollha biex tinbena ekonomija kompetittiva. L-assi spazjali li huma proprjetà tal-UE, *bħall-Copernicus* u *l-Galileo*, jipprovdu data bi preċiżjonijiet liema bħallhom u jippermettu l-monitoraġġ u t-teħid ta' deċiżjonijiet infurmat. *Il-Patt Klimatiku Ewropew* ilaqqqa' flimkien komunitajiet, individwi, organizzazzjonijiet mill-UE kollha u ta' diversi ġenerazzjonijiet biex jiskambjaw l-aħjar Prattiki, jiżviluppaw soluzzjonijiet klimatiċi, u jgħinu fil-bini ta' Europa nadifa u prospera. *L-Istrateġija Ewropea għal Unjoni tal-Preparatezza* tirrikjedi l-issudar tal-volontarjat u t-tisħiħ taċ-ċittadinanza u tal-ħiliet tal-preparatezza. *Il-Mekkaniżmu għal*

³⁵ Fl-2027, il-Kummissjoni se tippubblika diversi rapporti dwar is-sistemi tal-protezzjoni soċjali. Ir-Rapport dwar il-Protezzjoni Soċjali Adegwata fl-Età Anzjana se janalizza b'mod integrat kif is-sistemi Ewropej tal-protezzjoni soċjali jgħinu biex nipproteġu l-istandards tal-ghajien tal-popolazzjoni anzjana permezz tal-pensjonijiet, tal-assistenza fit-tul, u ta' politiki relatati, filwaqt li r-Rapport dwar it-Tixjiħ li se joħroġ fl-2027 se jiffoka fuq projezzjonijiet li juru l-impatt fit-tul ekonomiku u baġitarju ta' popolazzjoni li qed tixjeh, sal-2080.

³⁶ F'Novembru 2025, il-Kummissjoni ħarġet sett ta' inizjattivi biex tippromwovi l-iżvilupp u l-adozzjoni tal-pensjonijiet supplimentari fl-Istati Membri, inkluża *r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sistemi ta' trekkjar tal-pensjonijiet, id-dashboards tal-pensjonijiet, u l-awtoreġistrazzjoni*, C/2025/9300 finali.

³⁷ *L-Istrateġija tal-UE għal unjoni tal-preparatezza*

³⁸ *Safer together: A path towards a fully prepared Union - Il-Kummissjoni Ewropea*

³⁹ Ara, pereżempju, l-Azzjoni 29 dwar il-kurrikuli tal-iskejjel, l-Azzjoni 30 dwar il-programmi taż-żgħażaġh, u l-Azzjoni 27 dwar is-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji u t-teddid, li għandha komponent dwar il-persuni vulnerabbli.

⁴⁰ *It-Tarka Ewropea għad-Demokrazija u l-Istrateġija tal-UE għas-Soċjetà Ċivili*

Tranżizzjoni Ġusta, inklużi l-Fond u l-Pjattaforma għal *Tranżizzjoni Ġusta*, kif ukoll il-Fond Soċjali għall-Klima jikkontribwixxu għall-prevenzjoni ta' inugwaljanzi ġodda billi joffru sostenn lir-reġjuni, lill-komunitajiet, lill-familji vulnerabbli, lil min juża t-trasport, u lin-negozji żgħar li l-aktar li huma affettwati mit-tranżizzjoni, u b'hekk jiġi żgurat li ħadd ma jaqas lura⁴¹. Inizjattivi *bħar-Riċerka u l-Innovazzjoni dwar l-Oċean Atlantiku* u l-Programm Interġenerazzjonali Blu tal-Alleanza tal-Innovazzjoni, u l-Programm tal-Ambaxxaturi taż-Żgħażaġħ tal-UE għall-Bijoeconomija jirresponsabbilizzaw liż-żgħażaġh biex jinvolvu ruħhom f'diskussjonijiet politiċi dwar l-oċeani u l-ilma, dwar sistemi tal-ikel sostenibbli, u dwar l-bijoeconomija. Il-Pjattaforma imminente tal-UE għall-Partijiet Ikkonċernati dwar ir-Reżiljenza tal-Ilma għandha postijiet merfugħin għar-rappreżentanti taż-żgħażaġh, f'konformità mal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma.

It-trasformazzjoni diġitali u l-miġja tal-intelliġenza artifiċjali (IA) jippreżentaw opportunitajiet ċari għall-Ewropa biex ittejjeb il-benesseri ta' niesha, trawwem l-innovazzjoni sostenibbli, issaħħaħ is-sistema xjentifika Ewropea, u tissoda l-kompetittività tagħha. L-inizjattivi tal-UE b'raba mat-teknoloġiji diġitali u mal-ħiliet jikkontribwixxu billi jappoġġaw il-litteriżmu diġitali, it-tranżizzjonijiet ekwi tax-xogħol, u l-użu responsabbli tal-IA b'modi li se jkunu kruċjali biex tinbena l-forza tax-xogħol ta' għada. L-UE qed tibni wkoll ekosistema favorevoli biex tħeġġeġ l-innovazzjoni rivoluzzjonarja f'teknoloġiji ġodda bħall-IA, in-newroteknoloġija, u kwantum li tkun iċċentrata fuq il-bniedem, etika, u bbażata fuq id-drittijiet⁴². L-ekwità interġenerazzjonali fl-era diġitali, għalhekk, tirrikjedi li jiġi żgurat aċċess wiesa' għall-infrastruttura diġitali, l-iżvilupp inklużiv tal-ħiliet fl-etajiet kollha u, b'mod partikulari, għall-anzjani, kif ukoll l-użu tal-IA li jpoġġi lill-bniedem fiċ-ċentru u innovazzjonijiet li jespandu l-opportunitajiet aktar milli napprofondixxu l-firdiet⁴³. F'konformità ma' dan, il-Kummissjoni nediet programm pilota ta' għotjiet żgħar għal proġetti ta' taġlim tal-litteriżmu medjatiku interġenerazzjonali.

It-teknoloġija spazjali tirfed l-aċċess għal servizzi essenzjali, it-tkabbir ekonomiku, u r-reżiljenza ambjentali. Bħalissa, il-qasam spazjali qed isir dejjem aktar konġestjonat — u qed jespandi r-riskji għall-assi u s-sigurtà spazjali tagħna. Inizjattivi *bħall-Att tal-UE dwar l-Ispazju u l-Viżjoni għall-Ekonomija Spazjali* huma kruċjali biex jiġi żgurat li l-ispazju jkun sikur, sigur, u sostenibbli għall-ġenerazzjonijiet futuri.

... Noħolqu impatt permezz ta' azzjoni lokali u globali

L-ekwità interġenerazzjonali hija partikularment tanġibbli fejn l-aċċess għall-għajxien, għall-assi, u għall-opportunitajiet jkun fil-periklu. Fis-setturi tal-agrikoltura, tas-sajd, u rurali, il-fatt li l-forzi tax-xogħol qed jixjieħu u l-ħitan għoljin li jimblukkaw id-dħul qed jheddu l-vijabbiltà fit-tul. Il-politiki tal-UE jappoġġaw it-tiġdid ġenerazzjonali billi jtejbu l-aċċess għall-art u l-baħar, għall-finanzi, għat-taħriġ, u għat-trasferiment tal-għarfien, u billi jsaħħu ż-żoni rurali u kostali bħala postijiet fejn iż-żgħażaġh jistgħu jibnu futur vijabbli⁴⁴.

⁴¹ Il-Kummissjoni ppubblikat l-ewwel [rakkomandazzjoni tagħha dwar l-indirizzar tal-faqar tat-trasport](#) f'Mejju 2025. Fiha enfasizzat ir-rwol vitali tat-trasport fil-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku, il-benesseri, u l-ġustizzja soċjali billi jsostni l-aċċess għal impiegi ta' kwalità, inkluż għal persuni f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali u ċerti gruppi vulnerabbli tas-soċjetà, kif ukoll il-kontribut tiegħu għat-tisħiħ tal-ekwità u s-solidarjetà interġenerazzjonali.

⁴² Ara, pereżempju, [ir-Regolament \(UE\) 2024/1689](#) li jiżgura li s-sistemi tal-IA jkunu sikuri, affidabbli, u jirrispettaw id-drittijiet fundamentali filwaqt li jippromwovu l-innovazzjoni.

⁴³ Il-panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar l-Ekwità Interġenerazzjonali enfasizza l-importanza li jiġu stabbiliti limiti għall-użu tal-IA biex jiġu żgurati aċċess responsabbli u standards etiċi, u jittaffew ir-riskji potenzjali.

⁴⁴ [L-Istrateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura](#) hija maħsuba biex tirdoppja l-persentaġġ ta' bdiewa żgħażaġh u ġodda, biex jiġi żgurat li l-agrikoltura tibqa' innovattiva, kompetittiva, u reżiljenti. Tirrifletti wkoll il-Panell taċ-Ċittadini Ewropej dwar l-Ekwità Interġenerazzjonali, li enfasizza l-importanza tat-tisħiħ tal-biedja sostenibbli b'aktar appoġġ finanzjarju min-naħa tal-UE, u s-sigurtà u s-sovraniżmu tal-ikel. It-tiġdid ġenerazzjonali fl-impiegi relatati mal-oċeani se jiġi indirizzat *fil-Viżjoni 2040 għas-sajd u għall-akkwakultura* (2026) u *fl-Istrateġija ta' Tiġdid Ġenerazzjonali Blu* (2027).

Fil-livell lokali u f'dak reġjonali, komunitajiet b'saħħithom u konnessi jgħinu biex il-politiki fit-tul jissarrfu f'esperjenza haġja, jappoġġjaw il-kooperazzjoni bejn il-gruppi ta' età, itejbu l-inklużjoni u jnaqqsu l-iżolament, b'mod partikulari f'kuntesti ta' tibdil demografiku,⁴⁵ urbanizzazzjoni,⁴⁶ u żvantaġġ territorjali. L-aċċess għas-servizzi, għall-mobbiltà, għall-ispazji pubbliċi kondiviżi, u għall-infrastruttura soċjali u kulturali lokali, jinfluwenza jekk persuni ta' ġenerazzjonijiet differenti jkunux jistgħu jipparteċipaw bis-siġħ fil-ħajja ekonomika, soċjali, u demokratika. L-azzjoni min-naħa tal-UE, b'mod partikulari permezz tal-Politika ta' Koeżjoni u Agrikola, tappoġġja lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali, u lokali fit-tisħiħ tar-reżiljenza fil-livell tal-komunità permezz ta' investiment territorjali, żvilupp urban, kostali, u rurali inklużiv,⁴⁷ u aċċess imtejjeb għas-servizzi. Għandha l-għan li tiggarrantixxi dritt li wieħed jibqa' fit-territorju u jirnexxi f'postijiet li n-nies isejħulhom darhom.

Fil-livell globali, l-approċċ tal-UE huwa ankrat bl-impenji multilaterali reċenti. Fis-Summit tan-NU dwar il-Futur, l-UE u l-Istati Membri tagħha approvaw il-Patt għall-Futur u d-Dikjarazzjoni dwar il-Ġenerazzjonijiet Futuri, li jissottolinjaw l-importanza tal-multilateraliżmu u l-promozzjoni ta' ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, bin-NU fil-qalba tiegħu, biex tiġi promossa l-paċi⁴⁸. L-aħħar sħarriġiet kif ukoll il-panels taċ-Ċittadini Ewropej juru li *s-sigurtà u d-difiża* tal-UE huma fost l-aktar tħassib urġenti tal-Ewropej, speċjalment taż-żgħażaġħ. Il-kisba ta' awtonomija strateġika fl-UE li tipprovdni sigurtà u paċi għaċ-ċittadini tagħha, li mhumix ristretti mill-instabbiltà, id-dipendenza, u l-kunflitti, hija investiment għall-ġenerazzjonijiet attwali u futuri kollha. *Il-Global Gateway*, l-istrateġija tal-UE għall-investiment estern, tiżgura li l-investimenti fit-tul jikkontribwixxu biex jingħata sostenn lill-oġġettivi tal-politika pubblika fil-pajjiżi sħab ankrati fl-ekwità interġenerazzjonali, billi tippromwovi l-ħiliet lokali, l-involviment taż-żgħażaġħ, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u impjiegi deċenti, u b'hekk tikkontribwixxi għal soċjetajiet aktar ekoloġiċi u aktar sani u jitnaqqsu l-inugwaljanzi multidimensjonali. L-azzjoni globali min-naħa tal-UE dwar il-klima għandha l-għan li timmobilizza l-kooperazzjoni internazzjonali biex jitwettaq il-Ftehim ta' Pariġi u jiġi żgurat ambjent sostenibbli għall-ġenerazzjonijiet futuri.

It-tisħiħ tar-relazzjonijiet mal-viċinat usa' tal-UE u l-bini tal-prontezza u l-kapaċitajiet tad-difiża permezz tal-istrument SAFE huma investimenti għal futur paċifiku. Oqfsa ta' kooperazzjoni *bħall-Patt għall-Mediterran* jagħtu sostenn lil inizzjattivi bi sjieda konġunta li jippromwovu l-investiment fil-ħiliet, fl-iżvilupp ekonomiku, fir-reżiljenza, u fil-koeżjoni soċjali fir-reġjun kollu, b'mod li jirrikonoxxi r-rwol tan-nies — partikularment taż-żgħażaġħ — bħala muturi tal-innovazzjoni u tal-prosperità kondiviża.

It-tkabbir tal-UE huwa wkoll wieħed mill-aktar investimenti fit-tul konsegwenzjali tal-UE. Proċess ta' tkabbir kredibbli, ġust, u bbażat fuq il-mertu jsaħħaħ il-paċi, l-istabbiltà, u l-opportunità, u jespandi l-prospetti għaż-żgħażaġħ kemm fl-Istati Membri attwali kif ukoll fil-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali. F'dan is-sens, it-tkabbir huwa impenn interġenerazzjonali daqskemm huwa wieħed ġeopolitiku. F'konformità mal-oġġettivi tal-Kummissjoni, il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali se jiġu mistiedna

⁴⁵ *Is-sett ta' għodod tad-demografija* tal-2023 jenfasizza r-riskji ta' popolazzjoni tal-UE li qed tixxjeh għall-kompetittività fit-tul tal-UE. Jabbina l-għodod tal-UE mal-politiki nazzjonali u reġjonali biex jirresponsabbilizza lill-ġenerazzjonijiet kollha sabiex iwettqu l-għażliet tal-ħajja tagħhom, u jorġu l-potenzjal tagħhom fl-ekonomija u fis-soċjetà iġenerali.

⁴⁶ *L-aġenda tal-UE għall-Ibriet 2025* issaħħaħ id-dimensjonijiet territorjali u urbani tal-politiki tal-UE u tissimplifika l-appoġġ eżistenti għaż-żoni urbani. Barra minn hekk, *il-Missjoni dwar il-Briet Newtrali għall-Klima u l-Intelliġenti tal-Orizzont Ewropa* ssaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetà u l-innovazzjoni permezz tal-enfasi espliċita tagħha fuq l-involviment taċ-ċittadini u l-governanza b'diversi partijiet ikkonċernati.

⁴⁷ Sabiex jiġi żgurat li ż-żoni rurali jkun jistgħu jkomplu jaqdu dawn ir-rwoli essenzjali, fl-2025 il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat *il-viżjoni fit-tul tagħha għaż-żoni rurali tal-UE* sal-2040. Strateġiji simili għall-komunitajiet kostali u l-gżejjer huma mistennija fl-2026.

⁴⁸ Il-panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar l-Ekwità Interġenerazzjonali enfasisza l-importanza *tat-tisħiħ tad-diplomazija u r-rwol tal-UE għaż-żamma tal-paċi bħala l-għodda primarja għar-riżoluzzjoni tal-kunflitti*

jipparteċipaw fl-azzjonijiet ippreżentati f'din l-istrateġija flimkien mal-Istati Membri tal-UE kull fejn ikun possibbli u fattibbli.

6. Il-passi li jmiss — kollaborazzjoni għall-ekwità interġenerazzjonali

L-ekwità interġenerazzjonali mhijiex politika unika, iżda mod kif titfassal politika li tqis b'mod konsistenti l-impatti fit-tul u tfittex li tiżgura li d-deċiżjonijiet meħudin illum ma jdgħajfx, iżda pjuttost itejbu, il-benesseri futur.

Il-promozzjoni tal-ekwità interġenerazzjonali tirrikjedi sforz intenzjonat u sostnut fuq tul ta' żmien, aktar milli riforma ta' darba. Titlob approċċi iterattivi, riflessivi, u adattivi li jistgħu jevolvu mat-tibdil fil-ħtiġijiet, fl-evidenza, u fiċ-ċirkustanzi, u li huma inkorporati fil-proċessi eżistenti tat-tfassil tal-politika.

Fi ħdan dan il-proċess, il-Kummissjoni Ewropea tista' tmexxi bl-eżempju, billi tapplika l-prinċipji li tippromwovi u billi tagħmel użu effettiv mill-għodod eżistenti biex tintegra aħjar il-kunsiderazzjonijiet fit-tul fil-ħidma tagħha. Il-progress se jiddependi fuq il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u mal-Istati Membri, kif ukoll fuq l-involviment fil-livell reġjonali u lokali.

L-ekwità interġenerazzjonali diġà hija riflessa f'firxa ta' inizjattivi, prattiki, u għażliet politiċi tal-UE. Din l-istrateġija tibni fuq dik ir-realtà billi tappoġġa aktar konsistenza, viżibbiltà, u skambju ta' esperjenza, u billi tinkoraġġixxi riflessjoni dwar kif il-perspettivi fit-tul jistgħu jissaħħu fi ħdan l-oqfsa eżistenti.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE biex jikkunsidraw, fi ħdan ir-rwoli rispettivi tagħhom, kif l-aspetti interġenerazzjonali jistgħu jitqiesu aktar fit-tfassil tal-politika. L-Istati Membri tal-UE huma mħeġġin ikompli jintegraw il-ħsieb fit-tul fit-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi, f'konformità mal-kuntesti u l-kompetenzi nazzjonali, u jżidu s-sensibilizzazzjoni dwar diversi aspetti tal-ekwità interġenerazzjonali.

Bit-tisħiħ ta' dawn l-approċċi, l-UE tista' tgħaddi mill-prinċipji għal prattika aktar konsistenti, u b'hekk ittejjeb il-kapaċità tal-politiki pubbliċi li jibbilanċjaw il-ħtiġijiet attwali mar-responsabbiltajiet futuri, u biex tippromwovi riżultati aħjar għall-ġenerazzjonijiet attwali u futuri.